# Diżinjatur tal- Bolol f'Malta u barra min xtutna

**Patri Hermann Duncan O.Carm**


Emvin Cremona

Emvin kif hu ismu fil-qosor Emanuel Vincent twieled fis-27 ta' Mejju 1919 fil-Belt Valletta. Hu meqjus bħala wieħed mill-aqwa artisti Maltin u disinjatur tal-bolol. Studja fl-Iskola tal-Arti Maltija u ħareġ il-Bolla speċjali tal- Indipendenza ta' Malta mill–Ingilterrra fis- sena 1964. Studja fir-Regia Accademia di Belle Arte f'Ruma u fi Slade School University College f'Londra, u fl-Ecole Superior des Beaux Arts, Pariġi. Bejn is-sena 1947 u s-sena 1960 għallem fl-iskola tal-Arti.

Bosta mix-xogħlijiet tiegħu jinsabu fil-Parroċa tal-Imsida u tal-Ħamrun, fis- Santwarju Ta' Pinu u fil-Kappella tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Il-Gvern Malta ikkomisjonah biex jagħmel biċċa xogħol tal-Arti fin–New York fl-Amerka u fil-Kwartieri tal-WHO ġewwa Ġeneva. Fis-sena 1970 il-Kunsill tan-nisa ppreżenta waħda mill-pitturi tiegħu lir–Reġina Eliżabetta II.

## Il-formazzjoni

Sas–sena 1936, Emvin studja fl–Iskola Umberto Primo, u fl-Iskola tal-Arti flimkien ma' sħabu Willie Apap, Anton Inglott, Esprit Barthet u Victor Diacono. L-għalliema tiegħu kienu Edward Caruana Dingli u Karmenu Mangion li t-tnejn ħaddnu l-istil klassiku u t-temperament romantiku. F'eta' żgħira Emvin kien jieħu sehem fil- wirjiet ta' kull sena li kienet torganizza l–Malta Amateur Art Association. Fis–sena 1937 applika għal scholarship tal- Gvern fejn irnexxielu jikseb it- tielet post wara Willie Apap u Anton Inglott. Minkejja dan it-tfixkil, xorta waħda għamel ħiltu biex jagħmel il- kors f'Ruma taħt Carlo Siviero bejn is–sena 1938 u s–sena 1940. Ħass ġibda lejn l-Ispiritwalita' ta' Anton Inglott. Dawn iż- żewġ artisti żgħażagħ reġgħu lura Malta qabel ma l-Italja fetħet l-attakk fuq Malta f'Ġunju tas- sena 1940. Wara l-kors ta' Pariġi, reġa ġie Malta fis-sena 1948, u rrappreżenta lil pajjiżna għall–ewwel darba fil- Venice Biennale fis-sena 1958.

Huwa kien miżżewweġ lil Lilian imwielda Gatt u kellu erbat itfal. Billi kien artist reliġjuż, laħaq Kavallier tal-Ordni Pontifiċju ta' San Silvestru. Rebaħ ukoll middalja tad-deheb mis-soċjeta' tal-Arti Manifattura u tal-Kummerċ, u fis–sena 1971, ħa midalja oħra mill-Kunsill Ċiviku Malti. Kien id-disinjatur ewlieni tal- bolol Maltin kif diġa' rajna fl-aħħar tal-ħamsinijiet, fis-sittinijiet u fis–sebgħinijiet. Iddisinja wkoll paviljun Malti f'Osoka fil-Ġappun fis-sena 1970. Cremona ħa sehem ukoll f'erba wirjiet personali u daħal ukoll b'xogħlijiet ġewwa Venezja, Ruma, Londra, Edinburgh, Anzio, Monte Carlo u Amsterdam. Għandu xogħlijiet ta' pitturi fis-soqfa tal-knejjes. Xogħol ieħor jinsab fil-kamra prinċipali tal-Bank Ċentrali Malti fil-Belt Valletta. Kien famuż ukoll fil-kompożizzjonijiet artistiċi magħmulin fuq il- karta mqasqsa.



Bolol ta' Emvin Cremona

## Mitt sena minn twelidu

Biex jitfakkar il-mitt sena minn twelidu kienet saret wirja fil-Mużew tal-Posta Maltija fejn intwerew xogħlijiet estensivi li juru t-talent tekniku u l-kapaċita' tiegħu tul erbgħin sena. Biċċa qasam oħra żgħira tal-wirja kienet iddedikata għad- disinn tal- Bolol li kien joħroġ għal Milied. Sena wara iġifieri din is-sena li qedgħin fiha tfakkar il-mija u wieħed sena minn twelidu u bintu Anna Cremona qasmet xi esperjenzi personali dwar missierha mal-familja fejn qalet li kien ipinġi kemm xeni reliġjużi kif ukoll profani fuq in- natura. Ipproġetta ukoll id- disinjiet fuq il- palk , tisbiħ ta' ġewwa, għamara u prodotti artifiċjali. Jibqa l-aktar magħruf għal- bosta pitturi tal- knejjes madwar Malta u Għawdex, u għall-ammont konsidorevoli talbolol li ħadem bejn is–sena 1950 u s- sena 1980 li bihom kiseb fama internazzjonali.U mill- bolol kellhom tiġdid fit-tifsira tagħhom, li laqat lill-pajjiżi oħrajn fosthom lill-Ingilterra.

Għandu xi xogħlijiet oħrajn mhux magħrufa biżżejjed minkejja li jinsabu f'postijiet prinċipali bħal bieb il-kbir li qiegħed fil-knisja ta' Omm il- Parir it-Tajjeb – ġewwa Paceville. Il–Bank Ċentrali għandu affarijiet fiċċokon li saru madwar is- sena 1960, u ħwejjeġ magħmulin bil-pinna u l-linka fuq tabella tal-karti. Kien meqjus mill-familja tiegħu bħala bniedem ta' karattru ferrieħi u li dejjem juri interess f'dak kollu li kien isir f'pajjiżu u barra minn xtutna. Bintu tiftakru wkoll fl-istudio tiegħu bir-radju fuq xi stazzjon Taljan. Kien iħobb jaħdem ġo daru biex ma jitbiegħedx mill–familja. Kien japprezza l-preżenza tagħna madwaru u jiġbor l-opinjonijiet tagħna dwar xogħlu. Kien jaħdem l-aktar meta ma sabx nies biex itellfuh. Mhux l-ewwel darba li ħadem matul il-lejl waqt li l-oħrajn kienu reqdin biex item xi biċċa xogħol li kellu.

L-uffiċju tiegħu tal – arti kien jokkupa żewġ sulari f'daru, u b'hekk kellu ftit spazju għall-familja li kellha erbat itfal. B'hekk il- post fejn kienu jgħixu kien nieqes fil- kobor għax kien iservi bħala żieda fl- istudio tiegħu bit- tili tal- pitturi jistrieħu mal-ħitan u saħansitra fil- kmamar tas–sodda. Dan l-istudio kien iħares lejn il-Port il-Kbir qrib il–Barakka ta' Fuq. Il- knisja tal-Liesse kellha dehra majestuża u ta' spiss kienet ikkaraterizzata fil-pitturi tiegħu. Bħala għalliem tal-pittura fl- Iskola tal- Arti, hu kien iħobb iġiegħel lill-istudenti tiegħu isawru proġetti fit-tiżjin tat- teatri taċ- ċinema u fil-karrijiet tal- karnival. Fit-tfulitu kellu jagħżel liema xogħol xtaq iwettaq jew biex jidderieġi orkestra, kok jew fl-aħħar artista; sar artist kif nafu, madankollu għażel ix-xogħol ta' kok bħala passatemp.

Huwa għadda għal ħajja ta' dejjem fil- 31 ta' Jannar tas- sena 1987. Tajjeb li nsemmgħu wkoll li l-għażiż ibnu Marco Cremona mexa fuq il-passi ta' missieru.


Pittura ta' Emvin Cremona